- *pedestrian li jinżel minn fuq il-bankina*
- *responsabilita` tiegħu u tas-sewwieq*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERĊIEĊA LL.D.

**RikorsNru. 211/2014 GM**

**Doris Bugeja ID723458M**

**vs**

**Tano Sam Mallett ID 0347905L u Awtorita` għat-Transport f'Malta u b'digriet tal-4 ta' Ġunju 2014, Elmo Insurance Limited interveniet fil-kawza *in statu et terminis*.**

**Seduta tat-8 t'Ottubru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu, l-attriċi, wara li ppremettiet:

1. Illi r-rikorrenti, illum mara ta' sitta u ħamsin (56) sena, kienet għal bosta snin, tmur timxi filgħodu kmieni fi Triq is-Sebħ Qormi flimkien ma ħabiba

tagħha Josette Cauchi bħala ezerċizzju fiżiku. Hija kienet mara tad-dar pjenament b'saħħitha u ma kellha l-ebda problema ta' saħħa.

2. Illi nhar is-26 ta' Lulju 2008, għall-ħabta tas-6.45 ta' filgħodu, ir-rikorrenti, filwaqt li kienet miexja gewwa Triq is-Sebħ flimkien ma' Josette Cauchi, intlaqtet minn vettura tat-tip Toyota Starlet Numru ta' Registrazzjoni AAL 174, misjuqa mill-intimat Tano Sam Mallett.

3. Illi riżultat ta' dan l-inċident, ir-rikorrenti spiċċat fuq il-vettura ta' l-intimat, kissret il-*windscreen* ta' l-istess vettura u ttajret ġewwa gandott.

4. Illi r-rikorrenti ttieħdet minnufih l-Isptar Mater Dei fejn ġiet iċċertifikata illi kienet fil-periklu tal-mewt u hija baqgħet f'tali kundizzjoni għal madwar tmint ijiem. Hija ħarġet mill-Isptar wara perjodu ta' gimgħat u kompliet issegwi kura u terapija għal diversi xhur.

5. Illi fir-rigward ta' l-inċident, infetħet inkjesta Maġisterjali dwar il-każ u wara illi ġie konkluż il-*proċes verbal*, il-Pulizija, ngħataw l-ordni illi jressqu lill-intimat Mallett il-Qorti kif fil-fatt sar.

6. Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) datata 9 ta' Novembru 2011, l-intimat Mallett instab ħati ta' sewqan traskurat u talli b'konsegwenza, ikkawza ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna tar-rikorrenti u ġie ikkundannat iħallas multa ta' elfejn Euro (€2000). Il-Qorti osservat ukoll il-kontribuzzjoni ta' l-Awtoritajiet kompetenti għall-akkadut in kwantu dawn naqsu milli jiżguraw li inċidenti bħal dan ma jseħħux.

7. Illi l-inċident seħħ unikament minħabba negliġenza da parti ta' l-intimati u ċioe` traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservazjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-intimat Tano Sean Mallett kif ukoll minħabba nuqqasijiet min-naħa ta' l-Awtorita` kompetenti in kwantu naqset milli tara illi it-triq ma jkollha l-ebda periklu għall-utenti tagħha b'mod partikolari *pedestrians*.

8. Illi konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrenti soffriet *inter alia* (i) danni materjali konsistenti fi spejjez ta' natura medika li ġew neċessitati konsegwenza ta' dan l-inċident (ii) diżabilita` permanenti fil-persuna tagħha kemm fizikament kif ukoll psikoloġikament (iii) inibizzjoni milli taqdi pjenament dmirijietha ta' mara tad-dar u milli ssib impjieg adatt (iv) danni ezistenzjali stante tnaqqis sostanzjali fil-kwalita' tal-ħajja tagħha.

9. Illi għaldaqstant id-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, li għad iridu jiġu likwidati okkorrendi bl-opera ta' periti nominandi, ġew ikkawżati mill-intimati jew min minnhom u huma l-intimati li huma responsabbli għall-ħlas ta' l-istess.

10. Illi nonostante diversi ntimazzjonijiet għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, fosthom permezz ta' ittri uffiċjali datati 8 ta' Gunju 2010, 26 ta' Marzu 2012 u 22 ta' Marzu 2023 rispettivament, l-intimati baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom huma unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ nhar is-26 ta' Lulju fi Triq is-Sebħ, Qormi kif fuq riferit.
2. Tiddikjara illi konsegwenza ta' l-aġir ta' l-intimati, ir-rikorrenti sofriet danni f'ammont li għandu jiġi likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti.
3. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti oċċorrendo bl-opra ta' periti nominandi.
4. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom, sabiex iħallsu lir-rikorrenti dak l-ammont li jiġi dikjarat bħala dovut minnhom in linea ta' danni.

BI-ispejjes, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Ġunju 2008, tas-26 ta' Marzu 2012 u tat-22 ta' Marzu 2013 kontra l-intimati;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Awtorita' għat-Transport f'Malta datata 21 t'April 2014 li permezz tagħha wara li ddikjarat:

**1.1** Illi l-Awtorita' intimata mhijiex responsabbli għal-inċident mertu tar-rikors u konsegwentement, għad-danni allegati mir-rikorrenti u dan stante illi l-inċident li seħħ nhar is-sitta u għoxrin [26] ta' Lulju, 2008 fi Triq is-Sebħ ĦalQormi meta r-rikorrenti ntlaqtet minn vettura tat-tip Toyota Starlet bin-numru ta' reġistrazzjoni AAL 174 li kienet misjuqa mill-intimat Tano Sam Mallett ma kienx fil-kontroll ta' u ma setax jiġi previst u/jew evitat mill-Awtorita' esponenti.

**1.2** Illi l-Awtorita' tispjega illi Triq is-Sebħ kienet kostruwita skont il-liġijiet u r-regolamenti viġenti u skont l-i*standards* kollha applikabbli rigward kostruzzjoni ta' toroq (inklużi l-bankini) u nstallazzjoni/tpoġġija ta' sinjali tat-traffiku u miżuri ta' sigurta`.

**1.3** Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost u mingħajr ebda ammissjoni ta' ħtija, l-esponentiti nnota illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) tad-disgħa [9] ta' Novembru, 2011 ikkwotata mir-rikorrenti, l-ħtija għall-inċident ġiet attribwita prinċipalment lir-rikorrenti stess u lill-intimat Mallett. Għalkemm saret rimarka rigward allegat "nuqqas" minn naħa tal-"awtoritajiet konċernati", dawn l-awtoritajiet ma ġewx speċifikati. Lanqas l-allegat nuqqas ma ġie identifikat.

**1.4** Illi l-Awtorita' esponenti tispjega wkoll li hija kostantement twettaq xogħlijiet ta' manutenzjoni u titjib tat-toroq ta' Malta. Għalhekk, il-fatt li wara l-inċident mertu ta' din il-kawża setgħu saru xi interventi fit-triq in kwistjoni ma jfissirx li din it-triq qabel kellha xi nuqqasijiet iżda sempliċiment illi t-triq qiegħda tiġi mantnuta skont id-drittijiet u obbligi tal-esponenti.

**2.1** Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kwalunkwe danni allegati huma kontestati u r-rikorrenti jeħtieġ illi tipprova kemm li sofriet danni kif ukoll l-entità tal-istess danni.

eċċepiet:-

1. Illi <u>fil-mertu</u> l-Awtorita` intimata mhijiex responsabbli għall-inċident mertu tar-rikors u/jew għad-danni allegati mir-rikorrenti;
2. Illi wkoll <u>fil-mertu</u> u mingħajr preġudizzju għas-suespost, kwalunkwe danni allegati huma kkontestati u jeħtieġ illi jiġu ppruvati;

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Elmo Insuranċe Limited, intervenuta fil-kawża, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:-

1. In linea preliminari it-talba tar-rikorrenti hija preskritta a tenur ta-artikolu 2153 tal-kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
2. Illi mingħajr preġudizzju għal premess u fil-mertu, it-talbiet kollha tar-rikorrenti huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom għalhekk jiġu respinti u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Rat il-verbal tagħha (diversament preseduta) tal-10 ta' Marzu 2016 fejn ħatret lil kirurgu ortopediku Massimo Abela u lill-kirurgu newrologu Antoine Zrinzo sabiex jirrelataw dwar jekk l-attriċi ġarrbitx debilita` permanenti konsegwenza tal-inċident mertu ta' din il-kawża u jekk fl-affermattiv, f'liema grad;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet fejn l-intervenuta fil-kawża Elmo Insurance Limited irtirat l-ewwel eċċezzjoni tagħha;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-attriċi Doris Bugeja kienet ta' kull filgħodu tmur timxi ma' ħabibtha fi Triq is-Sebħ Hal Qormi jew kif aħjar magħrufa bħala l-*bypass* tal-Imrieħel. Dak inhar tal-inċident u ċjoe` fis-26 ta' Lulju 2008 għall-ħabta ta 06.45 ta' filgħodu waqt li l-attriċi kienet miexja ntlaqtet minn karozza misjuqa mill-konvenut Mallett. Konsegwentament, l-attriċi sofriet ġrieħi gravi u anke kienet fil-periklu tal-mewt

għal tmint ijiem. Dwar dan l-inċident infetħet inkjesta maġisterjali u ttieħu proċeduri kriminali fil-konfront tal-konvenut Mallett fejn instab ħati ta' sewqan traskurat u talli b'konsegwenza ikkawża ġrieħi ta' natura gravi fuq Bugeja. Il-Qorti fis-sede Kriminali attribwiet ukoll ħtija lill-attriċi kif ukoll lill-Awtoritaijiet konċernati;

Illi l-verżjoni tal-attriċi[1] fil-proċeduri kriminali kienet illi hija kienet timxi daqqa fuq il-bankina u daqqa tinżel. Tiftakar illi ftit qabel l-inċident semgħet ħoss ta' xi żiemel u telgħet fuq il-bankina. Xehdet illi fil-post fejn seħħ l-inċident bilfors trid tinżel minn fuq il-bankina għax "hemm xi arblu b'xi żewġt tabelli li bilfors wieħed irid jinżel minn fuq il-bankina sabiex jgħaddi"[2]. Waqt dawn il-proċeduri l-attriċi xehdet illi kienet miexja fid-direzzjoni tal-karozzi u ċjoe` b'dahrha lejn it-traffiku. L-attriċi tgħid illi kien hemm l-arblu u jista' jkun li niżlet taħt il-bankina meta seħħ l-inċident. Tgħid li eżatt mal-bankina kienet timxi u ma kinitx toħroġ 'il barra għal nofs tat-triq. Pero` ma tiftakarx sew u lanqas rat il-karozza tal-konvenut qabel ma ħadet id-daqqa għaliex kienet ġejja minn warajha. Spjegat illi meta kien ikun hemm l-arbli fin-nofs u ma setgħetx tgħaddi kienet tinżel minn fuq il-bankina kemm taqbeż l-arblu u terġa titla'. U qalet ukoll illi meta kienet tinżel minn fuq il-bankina ma kinitx tħares lura biex tara il-karozzi ġejjin minn warajha;

Illi skond l-espert tekniku imqabbad fl-Inkjesta Maġisterjali, Joseph Zammit[3], taħt il-bankina bejn l-ispazju tal-bankina u l-ġenb tax-xellug ta' wara tal-karozza li kienet tinsab wieqfa kien hemm id-demm kif ukoll bi dritt dan it-tiċpis 'il ġewwa fuq il-bankina jinsab arblu tad-dawl kif ukoll *stand post* tat-*traffic signs* imwaħħlin fuq il-bankina. 'Il ġewwa minn dawn l-arbli jinsab gandott mikxuf u

[1] Ara il-Proċess Verbal mehmuz mall-proċess a fol 88.
[2] Ara proċess fl-atti kriminali mehmuz mal-proċess a fol 16.
[3] Ara Dok JZ fil-Proċess Verbal mehmuz mall-proċess a fol 11

fond madwar metru u ġo fih instabet għadira demm. Fil-fehema ta' Żammit, dan l-inċident seta' ġara billi meta l-persuna milquta waslet fejn jinsabu imwaħħlin l-arbli fuq il-bankina li bejniethom ftit hemm spazju biex tgħaddi persuna, u għalhekk l-attriċi niżlet il-bankina waqt li kienet ġejja l-vettura u hemm ġiet milquta bin-naħa tax-xellug frontali tal-vettura, tkaxkret għal fuq il-bonnit tal-vettura, għattnet il-*windscreen* u spiċċat fil-gandott;

Illi l-Awtorita` konvenuta, permezz ta' Dr Joseph Camilleri[4], li huwa l-*manager legal support* fi ħdan id-Direttorat għat-Toroq u Infrasrtruttura jixhed illi fejn seħħ l-inċident, ma kienx hemm bankina iżda hemm numru ta' arbli tas-servizzi u kienu fuq ftit konkos li jagħmel parti mill-infrastruttura tal-arbli. Apparti dan, kien hemm ukoll *culvert* tal-ilma kemmxejn wiesa fuq in-naħa ta' ġewwa li kien hemm biex ikun jista' jiskula l-ilma tax-xita. Meta kienet ippjanata it-triq ma kinitx intiża li jgħaddu nies jimxu fuq id-dik in-naħa iżda biss biex jgħaddu s-servizzi;

Illi jkomppli jixhed li minn meta seħħ l-inċident, saru diversi interventi f'din it-triq fejn fosthom ġie msaqqaf dan il-*culvert.* Dan ix-xogħol tlesta fil-2013. Saru ukoll *crash barriers* matul il-konkos kollu u dan tlesta fil-2010 bħala parti minn proġett kbir fejn ġew imqegħda *crash barriers* f'diversi toroq f'Malta, sabiex jekk vettura titlef il-kontroll ma tibqax nieżla ġol-għelieqi. Huwa jikklassifika it-triq fejn seħħ l-inċident bħala triq arterjali fejn fiha jgħaddu ammont kbir ta' vetturi għaliex tgħaqqad il-parti t'isfel ta' Malta mal-parti ta' fuq. Spjega ukoll il-linja bajda kontinwa matul it-triq kollha mhix karreġġjata għar-roti iżda hija spazju fejn jekk xi vettura trid tieqaf għall-ġenb, din tkun tista'. Dan l-ispjazju huma kemmxejn wiesa' li kważi toqgħod vettura sħiħa fih;

[4] Fol 252.

Illi xehed ukoll il-Perit tal-Awtorita` konvenuta il-Perit David Vassallo[5] li kkonferma illi fit-triq fejn seħħ l-inċident hemm faxxa tal-*concrete* li fuqha kien hemm tabelli u arbli peress li dawn ma jistgħux jitwaħħlu fit-tarmac u kanal tal-ilma. Eventwalemnt, snin wara dan l-aċċident, il-*culvert* issaqqaf sabiex tiġi ffurmata bankina u ċjoe` ikun hemm wisa' *standard* bil-liġi (1.3m) biex ikun hemm bankina fejn wieħed jista' jimxi. Qabel ma kienx hemm bankina għaliex din it-triq ma kinitx intiża biex jimxu n-nies fiha. Spjega li mhux kull triq għandha bżonn bankina. Din hija triq arterjali u l-iskop tagħha ma kienx li jimxu n-nies fiha. Filfatt fuq in-naħa l-oħra tat-triq hemm bankina għax hemm iż-żona industrijali u hemm nies jaħdmu u li jridu jaċċessaw il-fabbriki. Il-Perit Vassallo ikkonferma illi il-linja bajda kontinwa mhix karreġġjata għar-roti iżda sempliċiment spazju fejn jistgħu jieqfu l-karozzi mingħajr ma jostakolaw il-karreġġjati u t-traffiku għaddej;

Illi waqt l-Inkjesta Maġisterjali, il-verżjoni tal-konvenut kienet illi huwa kien ġej minn Paceville u kien fi triqtu lura lejn id-dar mid-direzzjoni ta' Santa Venera lejn H'Attard. Kien ilu minn xi nofs il-lejl hemm iżda ma kienx xorob ħlief tnejn *gin & tonic*. Fil-fatt mit-test tossikoloġiku, irriżulta illi huwa ma kienx xurban. Mallett jgħid illi waqt li kien qed isuq fil-karreġġjata ta' barra, tant kien qed isuq bil-mod, illi kien hemm min daqqlu l-*horn*, u għalhekk biddel il-karreġġjata u qaleb għal dik ta' ġewwa. Filfatt hu jgħid illi saq f'dak l-ispazju mhux karreġġabbli. Ma nstabux *breakmarks* fuq il-post. L-inċident seħħ ħdejn it-tieni arblu wara l-*speed camera* għalhekk żgur ma setax kien isuq aktar minn 80 k.f.s għax kieku kienet taqbdu l-kamera;

Illi waqt dawn il-proċeduri, il-konvenut, permezz tal-affidavit tiegħu spjega kif biddel il-karreġġjati. Jgħid illi kif ippożizzjona ruħu fil-karreġġjata ta' ġewwa,

[5] Fol 262.

ħares fil-mera tan-naħa tal-lemin sabiex jara jekk il-vettura ta' warajh kinitx skorrietu u minnufih ħass daqqa fuq quddiem tal-karozza tiegħu. Waqt il-kontro-eżami ħareġ il-fatt illi l-ġurnata ta' qabel ma seħħ l-inċident, kien ilu xogħol mis-sitta ta' filgħodu sas-sagħtejn ta' wara nofs inhar, raqad sagħtejn u nofs u mar Paceville. Baqa' hemm sa xi s-sitta ta' filgħodu. Il-konvenut jispjega li ma rax lill-attriċi u l-ħabiba tagħha mexjin iżda nduna li laqat lil xi ħadd meta sema' ħoss u waqqaf il-karozza. L-inċident kif ġara ma jafx għax dak il-ħin kien qed iħares fil-mera;

**Responsabilita`**

Illi peress li f'dawn il-proċeduri ġiet esebita mill-attriċi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati[6] dwar l-inċident mertu ta' din il-kawża, irid jingħad illi l-proċeduri kriminali u dawk ċivili huma separati u distinti minn xulxin[7]. Wara kollox l-artikolu 6 tal-Kap. 9 jirrikonoxxi li att delittwuż jista' jwassal għal żewġ azzjonijiet, waħda kriminali u l-oħra ċivili, li però jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra. B'danakollu għalkemm il-proċeduri kriminali huma distinti u separati minn dawk ċivili, Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili tista' tirreferi għal dak deċiż f'kamp kriminali għall-fini tal-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha, u s-sentenza hija prova li l-Qorti Ċivili tista' tqis u tikkunsidra. M' hemm xejn kuntrarju għall-esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti, iżda l-ġudizzju f'sede penali jikkostitwixxi biss waħda mill-provi, għalkemm hi prova importanti. kienet approvat dak li qal il-ġurista **Laurent** fis-sens illi "si ritiene che il giudice civile può al bisogno attingere gli elementi della sua canonizazzione alle prove raccolte in

[6] Fejn kif fuq ingħad, il-konvenut instab ħati ta' sewqan negliġenti u li kkaguna griehi fuq il-persuna ta' Doris Bugeja.

[7] Mauriċe Meli Bugeja pro et noe vs. Frančis Vella

procedimento penale[8]". Għalkemm din il-Qorti mhijiex ser tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iżda ċertament sejra tagħti qies tagħha bħala waħda minn ħafna provi oħrajn li tressqu quddiem din il-Qorti;

Illi fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza kostanti in materja, il-kejl li bih jeħtieġ li tiġi meqjusa l-materja ta' responsabilita` jibqa' dak tad-determinazzjoni ta' x'kienet il-kawża prossima u mmedjata tal-inċident u x'kien il-fatt determinanti li pprovokah. Sabiex il-Qorti tasal għal min hu responsabbli għall-inċident in kwistjoni, jeħtieġ illi jiġu nvestigati l-punti mportanti ta' kif seħħ l-att dannuż;

Illi l-attriċi ammettiet diversi drabi illi hi u miexja u tiltaqa' ma' arbli fi triqitha u ma setgħetx tgħaddi, kienet tinżel minn fuq il-bankina sakemm taqbeż l-arbli u terġa titla' fuq il-bankina. Hu ċar li kemm il-*pedestrian*, kif ukoll ix-xufier, għandhom drittijiet u responsabilitajiet bħala utenti tat-triq u kull wieħed minnhom kien bil-liġi obbligat li josserva r-regolamenti li jinkombu fuqu biex jiġi assigurat illi fl-eserċizzju tad-dritt tagħhom li jużaw it-triq ma jagħmlu xejn biex ifixklu lil ħaddieħor l-użu leġittimu tal-istess triq. Meta jkun hemm nuqqas, sew jekk tal-*pedestrian*, sew jekk tas-sewwieq, temani r-responsabilita` għall-akkadut. Minn dan trid tiġi evalwata l-ħtija u l-eventwali responsabilita' għas-sinistru;

Illi fil-*Highway Code* iwissi lill-*pedestrians,* "When stepping off a footpath look towards oncoming traffic. Do not make a sudden dash into the carriageway".[9] Pedestrian għandu dejjem ikun attent meta juża' t-triq u jagħmel l-almu tiegħu

[8] ara Xuereb vs. Miċallef, deċiża fis-26 ta' Novembru, 1923; Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Briffa vs. Abela**, deċiża fit-28 ta' Marzu, 2003; Schembri vs. Portelli Q.A., 31.05.2013.

[9] Ara wkoll sentenza fil Vol. XXXV, P.IV, p.1157.

biex jiġu evitati inċidenti, anke jekk għandu d-dritt favur tiegħu[10]. Skont l-awtur awtorevoli il-**Gibb,** "Evidence to the effect that the plaintiff kept watch for vehicles approaching in the rear by turning and looking back would clearly indicate that he exercised due care for his safety. However, the fact that he did not turn and look back while walking along the highway is not evidence of negligence, since it is the duty of overtaking traffic to avoid the overtaken"[11];

Illi skont iċ-**Charlesworth,**

> "**9-289** Pedestrians have a right to walk in the carriageway, even if infirm, and are entitled to the exercise of reasonable care on the part of drivers… However the duty is not all one way and paragraphs 187-211 of the Highway Code require pedestrians, *inter alia,* to use the footpath where possible; keep a proper lookout when crossing the road; and to walk on the right where no footpath is provided. Pedestrians compelled to walk on the raod should preserve single file; wear or carry items that assist visibility; take particular care of young children; and if in a large group, keep to the left, with look-outs to front and back.
>
> **9-290** Despite the failure to comply with some of these common-sense provisions of the Highway Code, it has been held that it was not necessarily contributorily negligent for a pedestrian to walk on the nearside of a country road, namely with his back to oncoming traffic.[12] However, a robust approach has now been made by the Supreme Court of South Australia, where liability was apportioned 70 per cent to 30 per cent in favour of the pedestrian plaintiff, who had been struck by the motorist from behind, whilst walking along the 'wrong' side of the road with his back to approaching traffic, in bright sunlight[13].
>
> **9-291** Although a pedestrian is entitled to walk along the carriageway, he is only entitled to the exercise of reasonable care

[10] Ara s-sentenzi Formosa & Ċamilleri Ltd. et noe vs. Joseph Ċamenzuli, P.A., 26.04.2001 u Stefan Bonello vs. Ċarmelo Abela, P.A., 21.10.2002.

[11] Andrew Dewar Gibb, The Trial of Motor Car Accident Cases,Section 151, page 108, 2nd edition, 1938

[12] Kerley v Downes, 1973, R.T.R. 188; Parkinson v Parkinson, 1973, R.T.R. 193 C.A. See also Powell v Phillips, 1972, 3 All E.R. 864

[13] Evers v Bennett, 1983 31 S.A.S.R. 228

> on the part of drivers of vehicles. If therefore, there is a pavement or footpath, the driver of a vehicle, driving at reasonable speed and keeping a proper lookout, may reasonably expect that a pedestrian, who is not crossing the road, will be walking on the footpath. So, if a collision occurs, especially at dusk or in the dark, the pedestrian's claim may fail on the ground that there is no negligence on the part of the driver.[14] However, a driver was held to have been negligent when his vehicle's external wing mirror struck and injured a pedestrian who had been standing on the pavement's kerb[15]. Indeed, the Court of Appeal expressed the view that such a pedestrian was not guilty of any contributory negligence, even if she had leaned outwards over the roadway or had had her back to the traffic or, even, had gone an inch or two on to the road itself."[16]

Illi l-każijiet appena esposti għandhom iservu ta' gwida, iżda mhux bħala xi prinċipji dottrinarji, għaliex iktar minn f'kull ħaġa oħra, f'materja ta' traffiku kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ. Il-Qorti tħoss li tenut kont tad-dinamika tal-inċident, l-attriċi ma taħti xejn għall-inċident, anke jekk messha kienet aktar kawta meta niżlet minn fuq il-medda tal-konkrit li kienet miexja fuqha fil-ġemb tat-triq. Dan tenut kont li meta għamlet din il-manuvra ma rifsitx fuq il-parti karreġġjabbli tat-triq iżda f'parti segregata permezz ta' linja bajda kontinwa – parti li ingħad li hija *bicycle lane* għalkemm ma kien hemm l-ebda senjeletika li turi dan - u għalhekk ma kellhiex tistenna li ssib vettura warajha;

Illi a rigward tal-konvenut Mallet, "Jiġi rilevat li sewwieq ikun ikkontribwixxa għall-inċident jekk ma jkunx żamm "proper lookout"[17]. "...hu anke dmir ta' sewwieq li jżomm dak li komunikament tissejjaħ "a reasonable lookout" liema

[14] Tidy v Battman, 1934, 1 K.B. 319; Scott v M'Intosh, 1935 S.C. 1996; and Pace v Richards & Draper, 1920, unreported, set out in Tart v G.W. Chitty & Co 1933 2 K.B. 453

[15] Chapman v Post Office, 1982 R.T.R. 165, C.A.

[16] Charlesworth On Negligence, 9th edition, 1997, page 759

[17] Godfrey Ciangura vs. Ċarmen German, P.A., 03.07.2008.

dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun raġonevolment viżibbli."[18] Min ma jarax li raġonevolment għandu jara, jfisser li ma kienx qed iżomm *a proper lookout*";

Illi *"keeping a proper lookout means more than the looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate viċinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well.*"[19];

Illi sabiex xufier ta' vettura jiskansa ruħu minn addebitu ta' ħtija jrid juri li hu ġie rinfaċċjat minn sitwazzjoni inevitabbli li ssorprendietu. Il-konvenut ma ġieb l-ebda prova li l-attriċi ħolqitlu emerġenza subitanea. Minkejja li kien qiegħed isuq fi triq wiesa u, f'dik il-parti, dritta, b'żewġ karreġġjati fil-istess direzzjoni, f'temp bnazzi u bl-art xotta, huwa daħal fi spazju fejn lanqas kien suppost qiegħed u hu stess jammetti illi ma indunax li qabeż il-linja bajda kontinwa għaliex dak il-ħin kien qed iħares fil-mera. Ċertament ma kienx qiegħed iżomm *a proper lookout.*

Illi l-Awtorita` konvenuta ssostni illi t-triq kienet mibnija skont ir-regolamenti applikabbli; li m'għandha l-ebda obbligu li tipprovdi bankini fi triq arterjali bħalma hi dik fejn seħħ l-inċident; li dik in-naħa tat-triq ma kinitx intiża għall-mixi u għalhekk ma kellha l-ebda obbligu tara illi kienx hemm wisa' biżżejjed fejn wieħed jimxi jew le; l-ixkaffa tal-konkrit li kien hemm fil-ġemb tat-triq fejn kienet miexja l-attriċi ma kinitx bankina imma kienet biss kostruwita għas-servizzi fit-triq, bħas-senjeletika. Il-Qorti, bir-rispett kollu, ma tistax taċċetta dan l-argument. Ma kien hemm l-ebda sinjal li jipprojbixxi l-*pedestrians* li jgħaddu minn hemm. L-Awtorita` targumenta li m'hemmx bżonn li tagħmel twissijiet

[18] Dr Louis Bianċhi noe vs. Miċhelle Ċassar, P.A., 06.11.1988.
[19] Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd., 1968, (1) SA 398 (A) f'405H-406A.

appożiti; bħalma m'hemmx bżonn li tagħmel double yellow line f'kantuniera biex vetturi ma jipparkjawx u ma jieqfux hemm; u bħalma m'hemmx għalfejn issir twissija biex wieħed imur jimxi f'xi autostrada; għaliex is-sens komun jiddetta li ma jkunx prudenti li tagħmel dan. B'danakollu, dan l-argument ma jreġix meta għandek faċilita` li mad-daqqa t'għajn, għall-utent ordinarju tat-triq, li ma jkunx espert tal-infrastruttura tat-toroq, jidher li hi bankina. F'sitwazzjoni bħal din, l-awtoritajiet kompetenti għandhom id-dmir li jagħmlu twissija idoneja, għaliex huma wkoll għandhom id-dmir li jipprovdu ambjenti pubbliċi u partikolarment toroq li jkunu sikuri għall-utenti kollha tagħha; l-istess bħalma l-employer hu fid-dmir li jipprovdi post sikur tax-xogħol għall-impjegati tiegħu u jaħseb ukoll imqar għan-nonkuranza momentarja li l-monotonija inkella l-għejja tax-xogħol iġġib magħha. Biex tgħaxxaqha maġemb il-"bankina" kien hemm ukoll gandott li ċertament kien ta' periklu għall-*pedestrians* u li probabilment kompla jaggrava d-danni li ssubiet l-attriċi, li, *sopra corna le bastonate*, wara li sfat investita mill-vettura tal-konvenut Mallett, waqgħet fil-gandott li kien metru fond;

Ghaldaqstant din il-Qorti ssib lill-konvenut Mallett prinċipalment responsabbli għall-inċident fil-proporzjon ta' 90% filwaqt li l-**Awtorita` għat-Transport f'Malta** hija wkoll responsabbli, għad li fi grad ferm inqas, u ċjoe`10%;

**Likwidazzjoni ta' danni**

***Damnum Emergens***

Illi għal dak li jirrigwarda id-*damnum emergens* l-attriċi ressqet numru ta' rċevuti[20] li jikkonsistu f'mediċini u tobba bil-valur komplessiv ta' €312.06 liema

[20] Fol 51 -

ammont ma ġiex ikkonstestat mill-parti l-oħra. Għaldaqstant il-Qorti tillikwida danni taħt dan il-kap għall-ammont ta' €312.06;

***Lucrum Cessans***

Illi meta ddaħlet l-isptar, l-attriċi kienet qed issofri minn ġrieħi gravi u saħansitra kienet fil-periklu tal-mewt. Xi ġimgħa wara li seħħ l-inċident, l-attriċi kienet għadha disorjentata u konfuża, ma għarfitx fejn kienet u lanqas setgħet tagħraf il-qraba ta' madwarha. Irriżulta illi kien hemm xi tbenġil fil-moħħ u li kien hemm demm miġbur bejn il-moħħ u bejn l-iskutella tar-ras u kien evidenza li kien hemm *head injury*.[21] Konsegwenza tal-għejja fil-moħħ seta' jirriżulta li wieħed ma jimxix kostanti (unsteady) u jkollu problema ta' koordinazzjoni fil-mixi. Kellha ukoll ħsara fix-xewka tad-dahar;

Illi llum il-ġurnata l-attriċi tilmenta minn uġigħ; m'għadhiex persuna attiva u tbati biex timxi. Bilqegħda tweġġa' u tħossha skomda ħafna u tbati ħafna biex titla' t-taraġ. Ma tistax tiċċaqlaq u tagħmel movimenti liberi għaliex tħoss pressjoni u għafsa fuq daharha. Ma tistax titbaxxa, issofri bi sturdamenti u uġigħ ta' ras u titlef ukoll il-bilanċ;

Illi l-attriċi tgħid illi faċendi tad-dar ma tistax tagħmel u jkollha bżonn l-għajnuna ta' żewġha u binha. Tħoss li ma baqalhiex il-ħajja li kellha qabel u l-kwalita` ta' ħajja naqset drastikament. Anke mill-lat estetiku, ma tistax timxi dritt u kull moviment hu bilmod;

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi tgħid illi tbati minn ansjeta' u

[21] Kif giet iċċertifikata minn Dr Josianne Aquilina – a fol 96.

danni permanenti psikoloġiċi li mhumiex kwantifikabbli b'ċifri. Iżda ta' dan, l-attriċi qatt ma talbet il-ħatra ta' espert mediku f'dan il-qasam sabiex jeżaminaha u hekk il-Qorti jkollha parametri ma xhiex timxi. Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax tillikwida danni f'dan is-sens;

**Paga**

Illi l-attriċi hija mara tad-dar. Meta l-vittma ta' inċident ma tkunx taħdem bi qligħ fiż-żmien li l-inċident iseħħ, il-prattika hi li jingħata valur għax-xogħol tad-dar li hija tkun tagħmel u li dan il-valur jintrabat minn tal-anqas mal-paga minima li tkun tgħodd għal dak iż-żmien[22];

Illi l-paga minima fl-elfejn u tmienja kienet ta' mija u tnejn u erbgħin Ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€142.39) fil-ġimgħa.[23] Fit-2019 telgħet għal €175.84 fil-ġimgħa. Il-paga minima medja mid-data tal-inċident sal-lum hija ta' €159.12 u ċjoe` €8,273.98 fis-sena;

**Multiplier**

Illi l-attriċi fiż-żmien tal-inċident kellha 49 sena. Għalhekk din il-Qorti se taddotta multiplier ta' 13-il sena[24];

**Rata ta' Diżabilita`**

Illi l-periti mediċi eżaminaw lil attriċi fit-22 ta' April 2016 u raw li ċ-ċikatriċi fuq l-imnieħer kienet fieqet sew u ma kien hemm l-ebda problema fl-għonq. Rigward

---

[22] 8.03.2012. 8 P.A. 30.11.2001 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Sċhembri v David Tanti.
[23] S.L 452.71 - National Minimum Wage National Standard Order.
[24] Issir referenza għal-iskeda utilizzata fis-sentenza *Anthony Azzopardi et vs Awtorita' dwar it-Transport ta' Malta*, deċiża fit-8 ta' Marzu 2012.

il-mixi tal-attriċi kellha problema fejn waħda mis-saqajn kienet qed tħokk ma' wara tas-sieq l-oħra kull xħin timxi u kien hemm bżonn tħares lejn il-pass tagħha biex tkun kapaċi timxi sew. Kien hemm xi ftit tbandil iżda kienet kapaċi tirranġa l-bilanċ tagħha. Il-periti mediċi kkonkludew illi l-attriċi ġarrbet ġrieħi gravi u anke kellha ksur f'diska vertebrali (L2). Kienet qed tbati minn uġigħ fil-parti t'isfel tad-dahar, sturdamenti, ċikatriċi fuq imneħirha, u problemi ta' bilanċ kif ukoll uġigħ fl-ispalla tal-lemin. Għalhekk attribwixxew 1% diżabilita` għaċ-ċikatriċi fil-wiċċ, 8% għal-uġigħ fil-parti t'isfel ta' daharha, 10% għal-isturdamenti u problemi fil-bilanċ, b'rata totali ta' dizabilita' ta' 18%;

Waqt l-eskussjoni, Mr Abela spjega illi attribwixxew 8% diżabilita rigward l-uġigħ fid-dahar għax ħadu in konsiderazzjoni il-problemi futuri li jista' jkollha bħal uġigħ li jmur għall-agħar minħabba l-ksur li kellha għaliex il-probabilita' illi xi ħadd b'dan it-tip ta' ksur hija illi l-ugigħ jibqa' fit-tul;

Illi rigward l-10% għal-sturdamenti u bilanċ użaw il-linji gwida tal-MBE. Attribwixxew id-diżabilita ta' 18% u mhux 19% għaliex huma għamlu *weighed average* u skond il-linji gwida li użaw, jekk ikollok rata ta' diżabilita' ta' 19% f'partijiet diversi tal-ġisem, il-persentaġġ ta' diżabilita` jaqa' għal 18%;

***Weighted Average***

Illi l-leġislatur Malti ma jagħti l-ebda ħjiel dwar kif għandha tiġi mkejjla ddiżabilita` u għalhekk din iħalliha f'idejn il-Qrati tagħna li kull darba jkollhom kompitu iebes fir-rigward. "Għaldaqstant, id-diżabilita` totali trid tiġi kkunsidrata in relazzjoni għal persuna, bħala entita` fiżika waħda mingħajr ma jiġi preżunt li l-multipliċita` ta' debilitajiet jiġu komputati komplessivament sabiex toħroġ id-diżabilita` reali li wieħed ikun sofra minnhom. Difatti, jekk il-

persentaġġi jiġu magħduda flimkien, wieħed jista' jasal għall-konklużjoni assurda li f'xi każijiet ikun hemm debilita` permanenti ta' aktar minn mija fil-mija"[25] Huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li f'każ bħal dan, għandu jiġi applikat il-kriterju tal-*weighted average*. Dan ifisser li meta l-Qorti tgħaddi biex tikkomputa d-diżabilità permanenti totali, din trid tiġi kkunsidrata fir-rigward tal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda preżunzjoni a priori li l-multipliċità ta' feriti jiġu kkomputati komplessivament.[26] Bil-*weighted average* jittieħed bilanċ tar-rizultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat.[27] Dak li jrid jiġi stabbilit mhuwiex il-grad ta' inkapaċità fis-sens purament mediku, iżda l-effetti li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ jew il-ħidma tal-attur danneġġjat.[28] Il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddiskosta ruħha mill-*weighted average* ta' 18% kif imkejjla mill-espert mediku;

***Lump Sum Payment***

Illi kif ġja` ngħad f'sentenzi oħrajn ippronunzjati minn din il-Qorti kif preseduta "mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħda tingħata lump sum. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem

[25] Spiridione sive Dione Zammit v Mario Bonello, PA 30.03.2017.
[26] Degiorgio v De Ċrema, P.A., 28.01.2004, u Josef Farrugia v Thomas Tanti, P.A., 07.07.20014.
[27] Ċassar Pulliċino noe et v Xuereb et., P.A., 20.02.2009.
[28] Frendo v Ċaċhia, P.A., 20.04.2009.

ieħor jiġi kkunsmat."[29] Dan jgħodd ħafna iktar f'dan il-każ seħħ ħdax-il sena ilu;

Illi a bażi tas-suespost, il-lucrum cessans għandu jiġi kkalkolat bil-mod segwenti:
€8,273.98 x 13 x 18% = €19,361.11;
Ghaldaqstant:
Damnum emergens = €312.06.
Lucrum cessans = €19,361.11.
Total tad-danni = €19,673.17.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara u tiddeċiedi illi ż-żewġ konvenuti huma unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ nhar is-26 ta' Lulju fi Triq is-Sebħ, Qormi kif fuq riferit, il-konvenut Tano Sam Mallett fil-proporzjon ta' 90% u l-**Awtorita` għat-Transport f'Malta fil-proporzon ta' 10%.**
2. Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara illi konsegwenza ta' l-aġir tal-konvenut Mallett, l-attriċi sofriet danni.
3. Tilqa' t-tielet talba billi tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attriċi fis-somma ta' €19,673.17.
4. Tikkundanna lill-konvenut Mallett sabiex iħallas lill-attriċi sehemu mill-ammont hekk likwidat u ċjoe` €17,705.85 u tikkundanna lill- **Awtorita` għat-Transport f'Malta tħallas sehemha mill-ammont likwidat u ċjoe`**

[29] Trevor Grech vs Lawrence agius – Qorti Ċivili, Prim'Awla, 17 ta' Ottubru 2018

**€1,967.32** Bl-ispejjes, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Ġunju 2008, tas-26 ta' Marzu 2012 u tat-22 ta' Marzu 2013 a kariku tal-konvenut Mallett, għajr l-ispejjeż tal-Awtorita` konvenuta li jibqgħu a kariku tal-attriċi.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA